# IL-KNISJA TAS-SINJURA TAL-MELLIEĦA FIS-SEKLU TMINTAX

*Kitba u riċerka ta' Joseph Cauchi*



Meta fil-bidu tas-sena bdejt naħseb għal dan il-ktejjeb tas-sena 2019, mill-ewwel ħsibijieti marru fuq it-tliet mitt sena minn meta nbena l-Ark Trijonfali tas-Santwarju Nazzjonali tagħna fl-1719, li minnu ngħaddu sabiex nidħlu ħdejn is-Sinjura tagħna tal-Mellieħa.

Għalija personali dan l-annu fi tfuliti kont ngħoxa narah minqux ukoll fuq wieħed mill-bibien tar-razzett kbir li kien mibni fuq ix-xifer tal-wied ta' Għajn Żejtuna u li tal-familja kellna parti minnu. Iżda llum dan ir-razzett m'għadux jeżisti għaliex l-iżviluppaturi fis-snin tmenin ma kienu jaħfruha lil ħadd anke lilbini storiku.

L-Ark Trijonfali kien inbena b'ringrazzjament lill-Madonna bis-sehem tal-poplu Malti u Għawdxi fl-1719. Għalhekk, wara xi snin erġajt qallibt il-kotba tal-Istorja u noti oħra fosthom il-ktieb ta' Ġanni Mifsud Il-Madonna tal-Mellieħa, u ta' Patri Alexander Bonnici OFM Conv. Il-Mellieħa. F'dawn iż-żewġ kotba nsibu ġrajjiet li ħafna Melleħin m'humiex konxji minnhom, b'mod speċjali ż-żgħażagħ tal-lum, u nħeġġeġ lill-Parroċċa jew lill-Kunsill Lokali sabiex jaħdmu fuq proġett ħalli jerġgħu jiġġeneraw dawn iż-żewġ kotba ta' valur kbir għall-istorja tagħna li tiddistingwina minn kull parti oħra ta' dawn il-gżejjer.

Meta nagħtu ħarsa lejn l-istorja tal-Mellieħa fil-bidu tas-seklu tmintax insibu li l-ħbit mill-pirati kien kważi spiċċa grazzi għall-fortifikazzjonijiet li matul iż-żmien l-Ordni tal-Kavallieri kienet bniet għall-ħarsien ta' dawn il-gżejjer. Il-kampanjoli u s-sajjieda Melleħin reġgħu lura għall-ħajja normali tagħhom f'dawn l-inħawi, filwaqt li l-qadi ta' ruħhom kienu jwettquh bl-akbar għaxqa ġewwa l-Knisja Għar b'fidi soda u qima lil dik l-istess Omm tagħna tal-lum.

Il-perjodu li se nitkellem dwaru huwa dak ta' bejn 1709 – 1720, meta l-knisja tal-Mellieħa kellha bħala Rettur lil Dun Fabrizju Busuttil li kien responsabbli mill-Knisja, miċ-Ċimiterju, fejn f'dawk iż-żminijiet id-dfin kien isir fil-korsija tal-Knisja, mil-kumpless tal-kmamar, mid-Dar tar-Rettur u mill-ġnien kbir li aħna llum insejħulu l-Bitħa tas-Santwarju. Bħalma diġà għedt, f'dan il-perjodu l-popolazzjoni reġgħet bdiet tikber u għalhekk kien inħasset il-ħtieġa li l-knisja tiġi mkabbra. Għal dan il-għan, bejn 1710 – 1714 kien sar xogħol ta' bini fil-knisja, (1) tkomplew il-kmamar ta' barra fejn illum hemm il-misraħ, tkabbar iċ-ċimiterju, saret il-prespettiva bil-kolonni tal-ġebel għal fuq l-artal fejn hi meqjuma l-immaġni antika tal-Madonna(2) u kien inbena l-ark flok il-bieb komuni f'nofs il-ħajt tal-ġnien. Ta' min jgħid li l-ġebel għal dan ix-xogħol kien inġieb minn Kemmuna, filwaqt li ħafna mill-materjal kien inġieb fuq il-baħar minn San Ġiljan li kien jikkonsisti f'110 bankati ta' xorok, ġir u materjal ieħor, bibien u twieqi(3), għal spiża ta' 1346 skud.

Dan ix-xogħol kollu kienu ħadu ħsiebu l-aħwa qassisin Dun Salv u Dun Ġammari Bartoli li kienu Prokuraturi tal-Knisja(4) taħt it-titlu tal-Melllieħa. Sabiex inġabru dawk il-flejjes meħtieġa kienu tpoġġew kaxxi għall-flus fuq ix-xwieni tal-kavallieri u dawk tal-kursari(5) flimkien mal-kaxxi li dejjem kien hemm fil-knisja.

Fi żmien dawn il-Prokuraturi nsibu r-reġistrat li l-Isqof ta' Malta, Mons. Ġakbu Cannaves, lejn tmiem l-episkopat tiegħu kien għamel vista pastorali lill-Knisja tal-Mellieħa nhar id-9 ta' Ġunju 1716 fejn sab li l-knisja tal-Mellieħa kellha tmien knejjes oħra filjali tagħha(6) mxerrda madwar it-territorju tagħha. F'diskors li kien għamel lill-miġgħema kien sejjaħ lill-Knisja bħala l-Matriċi tal-Mellieħa. Nota oħra interessanti hi li l-Isqof flimkien mal-familjari tiegħu kienu għaddew tlett ijiem fil-Mellieħa u x'aktarx li l-vjaġġ għall-Mellieħa kien sar bil-baħar. Ta' min jgħid ukoll li s-sinjura tal-Mellieħa mhux il-poplu komuni biss kien jirreferi għaliha, iżda anke l-Gran Mastri u l-Kavallieri. Insibu li meta l-Gran Mastru Fra. Ramon Perellos kien għamel xi żmien ma jiflaħx, kien talab ħniena għall-fejqan u b'ringrazzjament kien żaraha personalment fis-7 ta' Lulju 1717 u ppreżentalaha lampier tal-fidda tal-filigranu, li għadu jeżisti sal-lum il-ġurnata, flimkien ma' somma ta' 100 skud għall-knisja(7) (8).

Mill-Arkivju tal-Knisja tal-Mellieħa u dawk tal-Biblijoteka tal-Belt Vallettansibu li bejn l-1717 u 1718 il-gżejjer Maltin kienu ntlaqtu minn nixfa kbira u minħabba f'hekk il-Maltin irrikorrew



għall-għajnuna tal-Madonna tal-Mellieħa. Insibu rreġistrat li nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu 1718 kien inżamm Pellegrinaġġ Nazzjonali lejn il-Knisja Matriċi tas-Sinjura tal-Mellieħa li kien iffurmat mill-Kleru, Sekulari u mill-Fratelli tal-fratellanzi ta' dawn il-gżejjer(9). F'din l-okkażjoni l-Isqof Mons. Ġakbu Cannaves kien ta l-permess li l-ġabra li ssir għandha tmur għall-ispejjeż tax-xogħol li kien qiegħed isir, fejn inġabru 118 -il skud.

Din il-wirja ta' fiduċja kbira bl-interċessjoni tal-Imqaddsa Marija, kienet ġrajja li baqgħet tissemma' matul is-snin, għax sakemm il-pellegrini nġabru fi ħdan Marija, tela' sħab li nfetaħ u niżlet xita bl-abbundanza. Bħala turija ta' fidi u radd il-ħajr lejn is-Sinjura tagħna, fis-sena 1719 flok il-bieb komuni tal-kjostru tal-knisja nbena l-Ark Trijonfali bl-iskrizzjoni bil-Latin u Malti antik(10) tal-vers mis-salm 21 li jgħid hekk:

**IN TE SPERAVERUNT PATRES NOSTRI**
**SPERAVERUNT ET LIBERASTI EOS (SALM 21)**

**FIK TEMGĦU MYSSYRIYTNA[11]**
**TEMGĦU U YNTI ĦLYSTHOM**

Ark Trijonfali li minnu rridu ngħaddu sabiex naslu quddiem l-umli Omm u Xebba b'Binha fi ħdanha li tinsab fuq l-Artal tal-Għar Qaddis tagħna l-Melleħin. Żaruha Viċi Rejiet, Prinċpijiet, Gran Mastri, Kavallieri, Kardinali, Inkwiżituri, Awtoritajiet Ekklesjastiċi u Ċivili flimkien mal-poplu Malti u Għawdxi fosthom il-Qaddis Malti San Ġorġ Preca u bosta barranin fosthom San Ġwanni Pawlu II. Issa li rġajna ftaħna l-kotba tal-istorja, naraw ukoll li, sewwa sew nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 1747 fil-ħamsa ta' filgħaxija ġewwa l-Knisja Matriċi tal-Mellieħa kienet seħħet ġrajja oħra kbira.L-Isqof ta' Malta, Mons. Alferhan de Bussan, wara żewġ visti Pastorali li kien għamel fostna fl-1736 u fl-1744(12), ħaseb sabiex il-Knisja tas-Sinjura bit-titlu tal-Mellieħa terġa' tkun ikkonsagrata bl-akbar solennità li jitlob ir-Rit Pontifikali Ruman. Għalhekk, f'dik il-lejla fost miġgħema li ġiet bi ħġara, għoġbu jkompli jħeġġiġhom billi ddikjara dawn il-preċiżi kelmiet: "Din il-Knisja hija waħda mill-Bażiliċi fl-istess post li qabel kien iddedikat lil alla Calipso. L-Appostlu Pawlu, li ġie biex jagħti l-fidi lill-Maltin, kien akkumpanjat minn San Luqa li ħallilna b'kuluri ħajjin ix-Xbieha t'Omm Alla fuq il-blat. Intom Melleħin, kif ukoll Maltin oħra preżenti, li dejjem kellkom l-akbar fiduċja fil-Madonna, qegħdin issibu s-serħan tagħkom fil-wegħdiet li għamiltu."

Bħalma nistgħu naraw, hawn fil-Mellieħa għandna Notre Dame ieħor li 90% tal-poplu żgur li ma jafx bil-kobor ta' storja li għandu s-Santwarju tas-Sinjura tagħna tal-Mellieħa, Din is-sena hija l-120 anniversarju minn meta missirijietna poġġewlha fuq rasha u ras binha kuruni tal-fidda maħsula bid-deheb, frott l-għaraq u s-sagrifiċċju ta'bidwini u sajjieda Melleħin immexxija mill-Kappillan Dun Franġisk Maria Magri, li f'dik l-epoka kien qiegħed jibni l-Knisja Arċipretali tal-lum.

Għall-informazzjoni tal-poplu Mellieħi u dak Malti tajjeb li ninnotaw li l-Knisja tal-Mellieħa sa minn 300 sena ilu kienet diġa' Knisja Matriċi u Bażilika ddedikata lis-Sinjura Ommna Marija bit-titlu tal-Mellieħa.

Kont taf b'dan?.
Qiegħed tmur iżżurHa?.
Aħsbu ftit!

**Ħajr:**

Ġanni Mifsud, Alexander Bonnici OFM Conv, Joe Catania, Parroċċa Arċipretali tal-Mellieħa.

**Referenzi:**


1. Arkivju fis-Santwarju, Libro II, pag. 45-47
2. R.M.L. Manuskritt 713 pag. 43.
3. R.M.L. Manuskritt 713 pag. 51
4. Fi żmien li kien Isqof Mons. Gakbu Cannaves, fis-Santwarju tal-Mellieħa nsibu magħruf bħala Knisja Matriċi. Arkivju tas-Santwarju. Manuskritt Antil Pg 70.
5. F'dawk iż-żminijiet xi Maltin kif ukoll xi Barranin kienu armaw bċejjeċ tal-baħar(kursari) biex joħorġu għall-iġfna Misilmin u din saret industrija ta' Malta.
6. Is-Santwarju kien għad baqgħalu 8 Knejjes filjali fl-1716.
7. A. Ferris, Descrizione. Pag. 525, Ms. Ta' Malta nr 4 pag. 123
8. R.M.L. Manuskritt 713 pag. 1.
9. R.M.L. Manuskritt 713 pag. 2-3.
10. Skrizzjoni bħal din miktuba wkoll bil-Malti kienet xi ħaġa rari f'dawk iż-żminijiet.
11. Kitba bil-Malti tas-Seklu Tmintax.
12. L-ewwel Viżita Pastorali tiegħu kienet saret fl-1728.


